**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 28 ta' Novembru 2023

Każ Numru: 70/2016

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Saviour Baldacchino)

(Spettur Kyle Borg)

**Vs**

**Adam Cini**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 548488(M))

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Adam Cini** ta' 27 sena, iben Vladimir u Barbara xebba Wardega, imwieled Pietà Malta, nhar id-29 ta' Novembru 1988, u residenti Medusa, Triq Tas-Silġ, Marsaxlokk, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 548488M, akkużata talli nhar it-13 ta' Lulju 2013, għall-ħabta tas-02.00 ta' filgħodu ġewwa l-Belt Valletta:

- Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Giovanni Farrugia, f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi lill-istess Giovanni Farrugia;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C.

Filwaqt li l-Pulizija Eżekuttiva eżebiet estratt mill-att tat-twelid kif ukoll fedina penali ta' Adam Cini, talbet li dan il-każ jiġi nvestigat skond il-liġi.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2021, il-*parte civile* ddikjarat li ma għad għandha l-ebda interess fl-azzjoni kriminali kontra Adam Cini.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha bagħat lill-imputat Adam Cini biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

- L-artikoli 214, 215 u 218 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 17, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- L-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali u li l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022, l-Uffiċjal Prosekutur iddikjarat illi ma għandhiex aktar provi xi tressaq;

Rat illi fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin ta' Ottubru 2022, id-difiża ddikjarat li m'għandiex aktar provi xi tressaq;

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri datat 9 ta' Marzu 2023 permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat ukoll illi waqt is-seduta tat-28 ta' Lulju 2023 il-partijiet eżentaw lill-din il-Qorti kif ippreseduta mis-smiegħ mill-ġdid tal-provi li kienu ġia nstemgħu minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-Dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat**

**A. Fatti tal-każ**

Din il-Qorti għandha quddiema każ fejn l-imputat flimkien ma xi żgħażagħ kienu mixjin u ħarsu lejn mutur li kien taħt il-livell tat-triq, peress li għoġobhom. Jidher li ċertu Giovanni Farrugia li possibbilment kien sid il-mutur kellimhom lura, u inqala argument u sar xi tgħajjir. Farrugia resaq lejn l-imputat allegatament armat b'sikkina, u beda jxejjira fid-direzzjoni tal-imputat. F'xi ħin resaq ukoll ċertu Massimo Caruana li allegatament kien armat b'serrieq u dan ukoll beda jxejru fid-direzzjoni ta' l-imputat, iżda dan fl-ebda ħin ma laqgħat lill-hadd. Jidher li l-imputat ta xi daqqiet ta' ponn lill Farrugia u pprova jżommlu idejħ. Sħab l-imputat bdew jitolbu lill-Farrugia biex jitlaq is-sikkina iżda dan ma riedx jitlaqa. Eventwalment l-imputat telaq lill Farrugia u taħ daru u beda miexi l-hemm, mingħalih li Farrugia ma kienx ħa jirritalja, iżda Farrugia ta daqqa ta' sikkina lill imputat.

**Il-Provi**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **L-Ispettur Saviour Baldacchino** xehed kif il-każ seħħ bejn il-lejl u s-sbieħ it-tlettax 13 ta' Lulju 2013.

   Illi dakinhar il-Pulizija kienu ġew avżati mid-Dipartiment tal-Emerġenza li fi Triq l-Assedju l-Kbir ġewwa l-Belt Valletta kien hemm persuna li kien għadu kif qala daqqa ta' sikkina.

   Fuq il-post marru immedjatament il-Pulizija tad-Distrett fejn sabu lil Adam Cini bilqiegħda b'sikkina mwaħħla fuq dahru. Il-pulizija ppruvaw ikellmu lil Adam Cini iżda minħabba l-uġiegħ li huwa kellu, Adam Cini ma setax jagħti l-verżjoni tiegħu lil pulizija.

Flimkien ma Adam Cini, li l-Ispettur Baldacchino ddikjara li kien qiegħed jagħraf fl-awla, kien hemm Samuel Spiteri, Anthony Pirotta, Magnolo Dingli u Casandra Galea. Huma ġew mitkellma mill-pulizija u spjegaw kif huma kienu għadhom kemm ġew aggrediti minn xi persuni u waqt dik l-aggressjoni Adam Cini qala daqqa ta' sikkina. Huma spjegaw li l-persuni li aggredewhom kien marru fid-direzzjoni ta' Triq il-Lanċa. Immedjatament dawn is-Sinjuri li kienu qegħdin jakkumpanjaw lil Adam Cini kienu ttieħdu c-CID fejn ġew interrogati mill-Ispettur Baldacchino.

Adam Cini ttieħed l-isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza fejn kien ġie ċċertifikat li kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura gravi u f'mument minnhom il-pulizija kienet ġiet infurmata li Adam Cini kien jinsab fil-periklu tal-mewt.

Fuq dan il-każ kienet ġiet infurmata l-Ispettur Kyle Borg fejn bdiet bl-investigazzjonijiet tagħha u ġie infurmat il-Maġistrat Dr Micallef Trigona li ordna l-ftugħ ta inkjesta u ħatar diversi Esperti sabiex jgħinuh f'dan il-każ. F'dak il-lejl kien xogħol l-Ispettur Joseph Mercieca li kien mar fuq il-post u ħa ħsieb l-investigazzjonijiet preliminarji.

Il-pulizija kienu ġew murija d-direzzjoni fejn kienu marru l-persuni li kienu aggredew lil dawn l-erba' min-nies, cioé fid-direzzjoni ta' Triq il-Lanċa. Il-Pulizija kienu marru fuq il-post fejn kien jirrisjedi Giovanni Farrugia fejn sabu ukoll lill-Massimo Caruana. Giovanni Farrugia u Massimo Caruana kienu jinkwadraw fid-deskrizzjoni li taw l-erba' persuni, li allegaw li ġew aggrediti minnhom, għaldaqstant huma kienu ġew arrestati. Massimo Caruana ttieħed lejn il-lock up, fejn kien ġie nnutat li Giovanni Farrugia kellu d-demm fuq wiċċu u meta mistoqsi x'kien ġara huwa kien allega mal-pulizija li huwa kien ġie aggredit minn erbgħa żgħażagħ li tawh daqqtejn. Huwa qal li kien ddefenda lilu nnifsu. Giovanni Farrugia kien ittieħed l-Isptar Mater Dei u kien ġie ċċertifikat li kien qiegħed isofri minn xi ġrieħi. Il-pulizija assiguraw li tiġi preservata x-xena tad-delitt u kienu għamlu tfittxijiet fir-residenza tas-Sur Farrugia sabiex jippruvaw isibu serrieq allegatament użat waqt l-argument, liema tfitxija irriżultat fin-negattiv. Fil-viċinanzi fejn seħħ l-argument il-pulizija nnutaw mutur isfar.

Fit-tlettax 13 ta' Lulju 2013 kienu ġew mitkelma Giovanni Farrugia u Massimo Caruana li iżda kienu għażlu li ma jirrispondu għal ebda domanda rigwardanti dan l-inċident u ġew mitkellma wkoll dawk l-erbgħa żgħażagħ li lkoll taw il-verżjoni tagħhom. Eventwalment mill-investigazzjoni tagħha l-pulizija kienet ikkonkludiet li dawn l-erbgħa żgħażagħ kienu qegħdin f'xi wine festival u wara kienu marru l-Monalisa Bar. Għal ħabta ta' xi sagħtejn ta' filgħodu huma kienu sejrin lura lejn il-karozza li kienet ipparkjata fil-viċinanzi tal-Excelsior Hotel. F'xi mument dawn iż-żgħazagħ waqfu biex jaraw mutur ta' lewn isfar u għaddew xi kumment dwar kemm kien sabiħ il-mutur. Taħt il-bankina ta' fejn kien ipparkjat il-mutur, hemm il-post fejn minnu ġie arrestat Giovanni Farrugia. Xi ħadd minn hemm isfel qal liż-żgħażagħ x'inhuma jħarsu u qalilhom sabiex jibqgħu mexjin. L-imputat Adam Cini ħass li huma ma kienu qegħdin jagħmlu xejn ħażin u nsista ma sħabu li huma ma kellhomx joqogħdu għall-ordnijiet ta' Giovanni Farrugia u ma kellhomx għalfejn ikomplu mexjin. Kien dak il-ħin li l-persuna li kienet hemm isfel li aktar tard kienet ġiet identifikata bħala Giovanni Farrugia beda jgħajjar lil Adam Cini pufta, u beda jisfidaħ sabiex jinżel isfel ħdejh u allegatament intuża kliem baxx offensiv skont ma jirriżulta mill istess xhieda. Waqt dan l-argument verbali, Adam Cini f'ħin minhom għajjar lil Giovanni Farrugia kliem offensiv rigward missieru, u mbagħad Adam Cini u sħabu komplew mixjin. Iżda huma u mixjin reġgħu semgħu t-tgħajjir, ħarsu lura u l-persuna li kien qiegħed l'isfel mill-bankina kien tela' minn fejn kien. Giovanni Farrugia u Adam Cini avviċinaw lil xulxin sal-punt li ġew wiċċ' imb wiċċ. Kien hemmhekk illi nqala disgwit bl-idejn u ż-żewġ partijiet taw xi daqqiet.

L-ispettur Baldacchino flimkien mas-Surgent PS959 Winston Micallef kienu aċċedew l-Isptar Mater Dei sabiex ikellmu lil Adam Cini li kien irrilaxxa stqarrija, li ġiet preżentata mill-Ispettur Baldacchino waqt ix-xhieda tiegħu. Fl-istqarrija tiegħu Adam Cini filwaqt li ddeskriva l-argument fuq l-istess linji ta' sħabu, stqarr mal-pulizija li Farrugia kellu sikkina f'idu, u li kien beda jxejjer l-istess sikkina ġo wiċċu. Huwa stqarr li rinfaċċat b'dan huwa kellu juża l-forza biex jżomm lil Farrugia ma jużax is-sikkina fuqu. B'id waħda kien qabad is-sikkina u b'id oħra beda jagħtih bil-ponn ġo wiċċu. Adam Cini sofra xi feriti f'idejh u anke kellhom jsirulu xi suturi. Adam Cini sostna fl-istqarrija tiegħu li huwa pprova jiddefendi lilu nnifsu minn din is-sikkina u allura kellu juri dik l-aggressjoni peress li huwa ma kellu xejn f'idu. L-Ispettur Baldacchino jżid li l-punti li kellu ġo wiċċu Giovanni Farrugia jikkombaċu ma dak li qalilhom Adam Cini

fl-istqarrija tiegħu u kienu jaqblu wkoll ma daqqiet ta' ponn li kien qalilhom bihom Adam Cini.

Fil-kontro eżami mistoqsi jekk Farrugia kienx jilbes nuċċali tal-vista, l-Ispettur Baldacchino ikkonferma li Farrugia kien jilbes nuċċali tal-vista u li dan in-nuċċali tal-vista nstab mal-art. Mistoqsi jekk Farrugia kienx ittieħed l-isptar u jekk kienx qiegħed jirremetti id-demm, l-ispettur Baldacchino ikkonferma li Farrugia kien ittieħed l-isptar u sarulu xi suturi f'wiċċu kif ukoll ikkonferma li huwa kien qiegħed jirremetti però ma jafx jekk kienx qiegħed jirremetti d-demm jew affarijiet oħra. Fil-kontroeżami tiegħu l-Ispettur Baldacchino ikkonferma li s-sikkina nstabet ġo dahar Adam Cini u mar l-isptar bis-sikkina mwaħħla ġo dahru. Ikkonferma li apparti s-sikkina ġo dahru, Adam Cini kellu slashes ġo subgħajh, u xi slashes oħra anki fuq il-parti ta' fuq ta' ġismu. L-ispettur Baldacchino jgħid li fil-mument li Adam Cini beda jagħti bil-ponn lil Farrugia, is-sikkina kienet tinsab f'idejn Farrugia. Mistoqsi fuq liema provi ressaq lil Adam Cini, l-Ispettur Baldacchino stqarr li huwa ressaq lil Adam Cini l-Qorti a bażi taċ-ċertifikat mediku, a bażi tal-istqarrija meħuda lil Adam Cini u a bażi tal-istqarrijiet li saru minn sħab Adam Cini.

L-Ispettur Baldacchino esebixxa l-istqarrija ta' Adam Cini (Dok SB1), vera kopja ta' ċertifikat mediku ta' Giovanni Farrugia (Dok SB2), vera kopja ta' ċertifikat ieħor mediku ta' Giovanni Farrugia (Dok SB3) u vera kopja ta' patient results ta' Giovanni Farrugia (Dok SB4).

2. **It-Tabiba Dr Ann Marie Bonello** xehdet illi hija tabiba u taħdem l-Isptar Mater Dei. Meta ġara l-każ kienet taħdem il-BST l-emerġenza. Nhar it-13 ta' Lulju 2013 fis-sebgħa neqsin għaxra hija kienet eżaminat lil Giovanni Farrugia. Huwa kien qiegħed jilmenta li kellu wġiegħ f'sidru, f'dahru, f'għonqu, fir-right hip u fir-right knee. Huwa kellu laċerazzjoni fuq ix-xoffa in-naħa tax-xellug fejn sarulu xi suturi. Hij xehdet li fiċ-ċertifikat il-grieħi ikklassifikatom bħala ġrieħi gravi għaliex il-laċerazzjoni kienet fuq il-wiċċ, u li jista' jirriżulta fi scaring. Fil-kontroeżami tagħha t-tabiba kkonfermat li Giovanni Farrugia kien informaha li huwa kien irremetta darba d-demm. Hi ma ftakritx kemm kienu sarulu suturi però ma kellux ħafna għax kull ma kien hemm nofs ċentimetru. Hija kkonfermat li f'wiċċ Giovanni Farrugia hemm scar fl-istess pożizzjoni

fejn kitbet fiċ-ċertifikat mediku li hemm laċerazzjoni. Meta ġiet murija certifikat mediku esebit bħala Dok SB3, hija kkonfermat li kienet qegħda tagħraf il-firma tagħha.

3. **Massimo Caruana** xehed illi fil-lejl ta' bejn it-12 u 't-13 ta' Lulju 2013 huwa kien qiegħed jgħix ma John Farrugia. John Farrugia kien jgħix fi triq il-Lanċa, il-Belt. Huwa xehed kif wara nofs il-lejl, John Farrugia kien bilqiegħda fuq bank ħdejn mejda li għandu quddiem il-bieb. It-Triq prinċipali tiġi sular il' fuq minn fejn hemm il-post ta' John Farrugia. John Farrugia kellu żewġ muturi ipparkjati ftit il-bogħod mid-dar tiegħu. Dakinhar ix-xhud kien mar ħdejn John Farrugia li kien bilqiegħda fuq il-bank.

Dak iż-żmien John Farrugia kien qiegħed ibati biex jorqod u ma kienx qed iħossu sew. Hu kellu xi wġigħ fost l-oħrajn f'irkupptejh u beda jinkwieta li seta' kellu xi ħaġa. Eventwalment ix-xhud Massimo Caruana daħal jorqod u ħalla lil John Farrugia bilqiegħda fuq il-bank. Il-kamra tas-sodda li kien jorqod fiha Massimo Caruana għandha tieqa li tiġi eżatt ħdejn il-bieb u jekk iħares mit-tieqa kien jiġi eye level tal-mejda u tal-bank. Kif kienet ha tmur għajnu bih sema l-ilħna, mar jittawwal u jara lil John Farrugia jirraġuna ma xi hadd, però filwaqt li lil John Farrugia seta' jarah lil persuni l-oħra ma setax jarahom. Huwa ħareġ barra biex jara John ma min kien qiegħed jirraġuna u kif ħareġ barra sema' lil xi ħadd joffendi lil John b'missieru. Ra li kien hemm tlett persuni pero persuna waħda biss kienet qegħda tkellem lil John. Huwa assuma li kienet dik il-persuna li offendiet lil John b'missieru u għalhekk talabha biex titlob skuża lil John u anke sħab din l-istess persuna bdew jgħidulu biex jiskuża ruħu, imma din l-istess persuna ma riditx titolbu skuża. Fl-awla huwa għaraf lill-imputat Adam Cini bħala il-persuna li offenda lil John b'missieru. John u Adam Cini kienu viċin ħafna ta' xulxin, ma kienx hemm metru bejniethom u f'daqqa waħda Adam Cini beda jagħti bil-ponn lil John ġo wiċċu. Kif John kien se jagħti daqqa ta' ponn lil Adam Cini, wieħed minn sħabu mar u żamm lil John Farrugia. Sadattant Massimo Caruana beda jgħajjat biex iħalluh imma kien ta' xejn. X'ħin bdew jiġġieldu bdew telgħin il-fuq u huwa telaq jiġri fil-kamra tal-għodda, qabad serrieq u telaq jiġri bih. Huwa sabhom fit-triq prinċipali u sab lil John mitluq fuq dahru la ġenba fuq ċint. Adam Cini kien bi rkubbtejh fuq iċ-ċint u b'id waħda jżomm lil John Farrugia. Kif wasal qrib tagħhom induna li kien hemm sikkina f'idejhom u bdew jissaraw ma din is-sikkina. Apparti minnhekk kien hemm raġel ieħor li beda jżomm id John Farrugia. Kif ra hekk ix-xhud Massimo Caruana għolla s-serrieq u qallu ieqaf u hallih lil John għax ha ntik. F'dak il-mument sieħeb

Adam Cini qabad lil Adam Cini minn spalltu u qallu ħallih għax ha jtik u Adam Cini telqu mill-ewwel.

Wiċċ John Farrugia kien mimli demm. Ix-xhud Massimo Caruana qajjem lil John Farrugia. John Farrugia kien vera għajjien. Kien bla saħħa bħal meta bniedem jaqla xebgħa tajba. Kif sħab Adam Cini imxew ftit, ix-xhud Massimo Caruana sema' lil xi ħadd jgħid li aħjar iċemplu ambulanza għax Adam Cini qala daqqa ta' sikkina. Kien propju dak il-ħin li huwa nduna li Adam Cini qala' daqqa ta' sikkina. Sadanittant ix-xhud beda miexi ma John Farrugia u kif wasal il-post huwa ċempel l-Emerġenza. Fil-pront waslu l-pulizija. Ix-xhud Massimo Caruana ddikjara li huwa qatt ma kien ra s-sikkina li ntużat waqt il-ġlieda u li John Farrugia beda jirremetti d-demm. Fil-kontroeżami tiegħu ix-xhud Massimo Caruana ddikjara li huwa ma jafx min kien qiegħed iżomm il-manku tas-sikkina.

4. **L-Ispettur Joseph Mercieca** xehed kif dan il-każ imur lura għat-13 ta' Lulju 2013, fejn huwa kien night patrol officer u għal xi siegħa u nofs, is-sagħtejn kien sema' fuq ir-radju tal-pulizija li kien hemm xi argument fejn persuna kien qala daqqa ta' sikkina faċċata tal-Monaliza d-dawra tal-Belt. L-ispettur kien il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u xħin niżel fuq il-post sab lill-imputat qiegħed fuq ċint imdawwar b'xi erbgħa minn sħabu b'manku ta' sikkina n-naħa ta' wara ta' dahru.

Ix-xhud ma setax ikellem lill-imputat u dan minħabba s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha iżda l-Ispettur kellem lil ħbieb tiegħu. Huma qalulu li huma kienu l-Monaliza Restaurant, ħarġu mir-restaurant, imxew faċċata u qam xi argument bejn xi nies li kienu n-naħa t'isfel tas-Sur, taħt it-triq. F'ħin minnhom iż-żewġ persuni li kienu isfel telgħu għalihom, wieħed b'sikkina u l-ieħor b'serrieq. Dak li kellu s-sikkina f'xi ħin waqt l-argument tah daqqa ta' sikkina f'dahru. Finalment x-xhud stqarr kif huwa kien ċempel lill-Ispetturi Saviour Baldacchino u Kyle Borg biex ikomplu bl-investigazzjonijiet ta' dan il-każ huma, u ma nvolviex ruħu aktar f'dan il-każ. Fil-kontroeżami l-Ispettur Joseph Mercieca ikkonferma li lill-imputat u lil sħabhom huwa ma kienx jafhom filwaqt li lil Giovanni Farrugia u Massimo Caruna huwa kien jafhom għaliex huma magħrufin mal-pulizija.

5. **Anthony Pirotta** xehed li huwa ma jiftakarx id-data però jiftakar li Adam Cini, Sam Spiteri, Manolo, Casandra u hu, l-ewwel kienu marru l-Wine Fest, imbagħad kienu marru l-Monaliza li jinsab ħdejn l-Excelsior u wara li ħarġu mill-Monaliza biex imorru d-dar huma qasmu għal mal-faċċata man-naħa tal-baħar. Waqt li kienu mexjin, Sam ittawwal għal isfel u ra żewġ muturi u qalilhom kemm kienu sbieħ dawn il-muturi. F'daqqa waħda sema' lil xi ħadd jidgħi u joffendihom (eventwalment fix-xhieda dan ir-raġel beda jkun riferut bħala l-istocky). Beda joffendihom bi kliem kif jirriżulta mit-traskrizzjoni tax-xhieda. L-imputat Adam Cini offendieħ lura b'missieru u komplew mexjin. F'daqqa waħda jaraw raġel tiela u huma waqfu għax beda jgħajtilhom. Dan ir-raġel baqa' jersaq lejhom u x-xhud seta' jara li kellu xi ħaġa f'idu. Dan ir-raġel mar fuq Adam u ġie wiċċ imb wiċċ miegħu. Imbgħad f'daqqa waħda tela raġel ieħor b'żaqqu barra u beda jgħajjat magħhom biex jiskużaw ruħhom (eventwalment fix-xhieda dan ir-raġel beda jkun riferut bħala t-twil). Lil Adam beda jgħidlu sabiex jgħid 'sorry'. L-imputat Adam Cini qallu li ma kienx ħa jgħidlu 'sorry'. F'daqqa waħda inqalgħet scuffle fejn l-istocky beda jiswingja idu u Adam beda jagħtih bil-ponn ġo wiċċu u jiġri bih. Adam Cini lill-istocky tefgħu fuq ir-rails. B'xi mod l-id tas-sikkina kienet illokjata fuq ir-railings. Huma ippanikjaw u marru fuqu u x-xhud beda jgħajjat mal-istocky biex jitlaq is-sikkina ħalli taqa' l-baħar iżda kellu grip fuqha. Imbagħad it-twil tela' bis-serrieq jgħajjat u għalhekk Adam telaq lill-istocky. Imbagħad l-istocky qam qisu kien fis-sakra, swingja jdejh fl-għoli b'xi ħaġa b'idu għal fuq dahar Adam Cini u waħħallu s-sikkina fuq dahru. Imbagħad l-istocky u t-twil telqu jiġru u huma ċemplu immedjatament għal pulizija u għal ambulanza. Ix-xhud jispjega li Adam Cini lil l-istockey qabdu minn għonqu, ġera bih u tah bil-ponn. Imbagħad qisu poġġih bilqiegħda, llokjalu idu fuq ir-railings u baqa' jżommu u eventwalment telqu.

   Fil-kontroeżami ix-xhud jikkonferma li Adam Cini ta' d-daqqiet lill-istocky wara li Adam kien diġa qala' xi daqqiet bis-sikkina.

6. **Samuel Spiteri** xehed li f'Lulju 2013, kien il-ġimgħa, kien ħareġ flimkien ma' Adam Cini, Anthony Pirotta, Manolo Dingli u x-xhud u eventwalment kienu ltaqgħu ma Cassandra u għal xil-11.30pm marru ġo bar li jinsab fil-bidu ta' triq l-Assedju l-Kbir u ħadu drink. Għal xi siegħa ta' filgħodu bdew jaħsbu biex imorru jiġbru l-karozzi li kienu pparkjati viċin l-Excelsior Hotel. Qasmu t-triq u f'ħin minnhom jisimgħu għajjat ġej min-naħa t'isfel maġenb il-baħar u ħarsu l'isfel u raw raġel early fifties naqra boċċu

jgħajjarhom bi kliem oxxen ta' natura sesswali liema kliem kien jaqbel mal kliem imsemmi fix-xhieda ta' Anthony Pirotta. Dak il-ħin Anthony Pirotta, Adam Cini u x-xhud għajruh lura u baqgħu mexjin.

Wara xi ħames minuti jisimgħu għajjat ġej min-naħa ta' warajhom, ħarsu lura u raw lill-istess raġel li kien qabad jgħajjarhom għalxejn b'xejn min-naħa t'isfel ta' ħdejn il-baħar mar fuq Adam u qallu skuża ruħek jew ħa nqgħattak. Dak il-ħin Adam Cini deher maħsud u dak il-ħin dak ir-raġel reġa qallu skuża ruħek jew ħa nqgħattak. Dak il-ħin Adam qallu li ma kienx ħa jiskuża ruħu għax kien hu li qabad joffendihom. Imbagħad Adam qabad u dar u tah dahru lejn dan il-bniedem u dan ir-raġel qabad u tah daqqa ta' ponn lil Adam fuq in-naħa ta' wara u Adam dar biex jiddefendi lilu nnifsu u qabdu jagħtu bejniethom. Imbagħad kien hemm scuffle. Fil-frattemp mar jiġri lejhom ġuvnott ieħor li iżda reġa' telaq l-hemm. Dak il-ħin Anthony Pirotta u x-xhud bdew jgħajjtu magħhom biex jieqfu u ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, mbagħad Adam irnexxilu jżomm lil dan ir-raġel mar-railing. Ir-raġel kien dahru mar-railing u Adam beda jżommu l'isfel id f'id u dak il-ħin huma ndunaw li dak ir-raġel li kellu sikkina f'idejh u ħadu qatgħa u ċertu Anthony u x-xhud bdew jgħajjtu ma dak ir-raġel biex jitfa s-sikkina fil-baħar u jinsew kollox. F'daqqa waħda reġa mar ħdejhom il-ġuvnott din id-darba b'serrieq f'idu u beda jgħajjat magħhom biex iħalluh, filwaqt li beda jxejjer is-serrieq fid-direzzjoni tagħhom. F'dak il-mument Anthony u x-xhud daru fuqu u qalulu biex jibqa' hemmhekk u jekk jitfa s-sikkina fil-baħar huma kienu ha jinsew kollox. Dan il-kliem irrepetewh għal diversi drabi. Imbagħad f'mument minnhom Adam Cini ma baqax iżomm lir-raġel u dar biex ikomplu jimxu u x'ħin dar dak il-bniedem tah daqqa ta' sikkina lejn in-naħa ta' dahru. Dak il-ħin Adam Cini għajjat għajta kbira t'uġieh, waqa' mal-art u ż-żewġt irġiel telqu l-hemm. Wara ċempel il-112 u waslu fuq il-post il-pulizija u l-ambulanza.

Muri ritratt mmarkat 210, li jinsab a fol 118 tal-proċess, ix-xhud ikkonferma li dik kienet is-sikkina li kienet f'idejn ir-raġel li spiċċat imwaħħla f'dahar l-imputat Adam Cini. Muri żewġ ritratti li jinsabu a fol 105 ix-xhud ikkonferma li l-post huwa fejn ġara l-inċident, qed jara d-demm u flip flops li kien liebes ir-raġel li aggredixxa lil Adam Cini. Muri ritratt li jinsab a fol 106 tal-proċess ix-xhud ikkonferma li għal darb oħra dan ir-ritratt qiegħed juri l-flip flops li kien liebes ir-raġel li aggredixxa bis-sikkina lill-imputat Adam Cini. Muri ritratt li jinsab a fol 107 tal-proċess, ix-xhud jiddikjara li dak

huwa l-post fejn inqalgħet il-ġlieda. Muri ritratt li jinsab a fol 108 tal-proċess ix-xhud għaraf ir-railing fejn kienu poġġew lill-imputat Adam Cini bilqiegħda wara li spiċċa attakkat bis-sikkina. Mistoqsi jekk huwa rax fil-Qorti lil persuna li huwa għamel referenza għaliha bħala li għandha xi ħamsin sena huwa kkonferma li fil-qorti rah diversi drabi u mistoqsi jekk jiftakarx x'jismu dan ir-raġel, ix-xhud iddikjara li tal-gazzetti kienu semmew ċertu Giovanni Farrugia.

7. **Monolo Dingli,** xehed illi f'Lulju 2013 Adam Cini, Anthony Pirotta, Cassandra Galea, Samuel Spiteri u x-xhud kienu qegħdin il-wine fest tal-Marsovin imbagħad marru sal-Monaliza fejn xorbu xorb mhux alkoħoliku. Eventwalment irħewlha bil-mixi lejn l-Excelsior fejn kellhom il-karozza pparkjata. Waqt li kienu mexjin lejn in-naħa tax-xatt għaddew minn fejn hemm qisu rampa u sħabu għaddew xi kumment għax raw mutur li kien taħt il-livell tat-triq. F'daqqa waħda bdew jisimgħu għajjat ta' persuna jgħidilhom għalfejn qegħdin iħarsu u eventwalment dan it-ton sar aggressiv. Huwa dar lura u ra lil sħabu qishom qegħdin jiskużaw ruħhom imma qalulu wkoll li huma ma kienu qegħdin jagħmlu xejn ħażin just għoġobhom il-mutur u għax huma entużjasti tal-muturi kienu qegħdin jitkellmu fuqu. Imbagħad ir-raġel beda jheddidhom u offendihom sesswalment b'ommhom. Adam offendih lura u x-xhud qalilhom sabiex ikomplu mexjin. F'ħin minnhom sema lir-raġel riesaq lejhom u jgħajjat lil Adam Cini sabiex imur ikellmu. Ix-xhud seta' jinnota li f'idejh kellu xi ħaġa. Ir-raġel mar fuq Adam Cini u talbu sabiex jiskuża ruħu għax iħanxru. Adam dak il-ħin kien ħa jdur iżda r-raġel żammu billi poġġa jdejh fuq spalltu. Adam qal lir-raġel li huwa ma kienx se jiskuża ruħu. F'mument minnhom, Adam beda jniżżel lil dan ir-raġel mal-art u malli kien qiegħed mal-art, ix-xhud induna li Adam Cini kien qiegħed iżomm id ir-raġel għax f'dik l-id ir-raġel kellu sikkina. Dak il-ħin ix-xhud mar jipprova jneħħilu is-sikkina minn idu u x-xhud u sħabu bdew jitolbu lir-raġel sabiex jarmi s-sikkina sabiex ma jinqalax inkwiet. Fil-frattemp sema raġel ieħor jgħajjat minn isfel tar-rampa u mar jiġri ħdejhom b'sega f'idejh li beda jxejjirha quddiem ix-xhud. Ix-xhud u sħabu nfurmawh li jekk sieħbu jneħħi s-sikkina huma kienu jħalluh iqum bil-kwiet. Sadattant Adam iddeċieda li jħallih, qam u tah dahru. Malli Adam tah dahru, ir-raġel qam bil-ġiri u tah daqqa ta' sikkina f'dahru. Dak il-ħin Adam għajjat għajta ta' wġigħ u beda miexi bil-mod qisu qed iħossu se jaqa' u dak il-ħin ix-xhud ra l-handle tas-sikkina f'dahar Adam Cini. Meta ġie muri r-ritratti, x-xhud għaraf is-sikkina li kellu f'idu r-raġel li spiċċat f'dahar Adam, għaraf il-post

fejn seħħ l-argument u anke għaraf in-nuċċali li kien libes ir-raġel li ta' bis-sikkina lil Adam Cini.

8. **Id-Dentist Dr Nicholas Busuttil Dougall,** xehed li nhar it-13 ta' Lulju 2013 huwa kien eżamina lil Giovanni Farrugia fejn kellu laceration wound fil-left cheek u kellhom bżonn isirulu xi punti. Sarlu X-Rays sabiex jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi injuries oħrajn iżda rriżulta fin-negattiv.

9. **PS88 Aldo Cassar,** xehed kif fit-13 ta' Lulju 2013 huwa kien stazzjonat il-Belt u ġie mitlub l-assistenza fuq inċident u malli wasal fuq il-post ra lil Adam Cini bilqiegħda fuq bankina b'sikkina mwaħħla f'dahru. Ix-xhud indika li huwa qiegħed jagħraf lil Adam Cini. Fuq il-post marret ambulanza sabiex ħadet lil Adam Cini l-isptar u eventwalment ġie arrestat Giovanni Farrugia. Fil-mument tal-arrest Giovanni Farrugia beda jikkomplejna b'xi wġiegħ f'saqajh, tant li ma setax jimxi u għalhekk talbu Ambulanza oħra biex tmur fuq il-post din id-darba sabiex tieħu lil Giovanni Farrugia l-isptar. Giovanni Farrugia ddaħħal fl-ambulanza permezz ta' siġġu tar-roti. Ix-xhud jiftakar li Giovanni Farrugia kellu wkoll xi demm ma wiċċu pero huwa ma setax jikkonferma jekk id-dmija li kellu fuq wiċċu kienux kaġun ta' xi injuries jew kienx demm li tar minn dahar Adam Cini stess. Jiddikjara li l-inċident ġara biswit il-Monaliza Bar u r-residenza ta' Giovanni Farrugia. Fil-kontroeżami tiegħu, x-xhud ikkonferma li Giovanni Farrugia huwa magħruf sew mal-pulizija.

10. **Cassandra Galea** xehdet fit-13 ta' Jannar 2017 bil-lingwa Ingliża. Hija xehdet kif għal xi siegħa ta' filgħodu Adam, Manolo, Andrew u x-xhud kien mixjin ġewwa Triq l-Assedju il-Kbir, Valletta u taħthom raw garage li fih kien hemm żewġ muturi u żewġ rġiel. Raġel minnhom kien ftit imbaċċaċ u ieħor iżgħar fl-eta'. Malli rawhom iħarsu lejn il-muturi dawn iż-żewġ irġiel bdew joffenduhom. Kien r-raġel l-imbaċċaċ li beda joffendihom iżda eventwalment ingħaqad miegħu r-raġel l-ieħor. Adam qal xi ħaġa iżda huma baqgħu mixjin lejn l-Excelsior għax hemmhekk kienu pparkjaw il-karozza. Ix-xhud u sħabha ma setgħux jifhmu x'inhu jiġri u għalfejn iż-żewġt irġiel bdew joffenduhom u kien propju għalhekk li x-xhud u sħabha baqgħu jħarsu lejhom għalkemm fl-istess waqt ix-xhud u sħabha ppruvaw jibqgħu mixjin. Imbagħad Adam Cini qal xi ħaġa u f'daqqa waħda raw lir-raġel li huwa ikbar fl-eta' riesaq lejhom u

deher li kien irrabjat ħafna. Hija ndunat li r-raġel mexa lejhom għax f'daqqa waħda semgħet lil xi ħadd jgħajjat u malli daret sabitu ma wiċċha. Malli rat hekk hija ppruvat timxi kemm jista' jkun lejn l-Excelsior għax beżgħet li jekk ir-raġel jinduna li kienet qegħda magħhom kien se jattakkaha u kienet imbeżża ħafna u f'daqqa waħda tara lir-raġel l-ieħor b'serrieq f'idu. Imbagħad semgħet għajta kbira, rat li l-irġiel kienu telqu u malli resqet lejn Adam indunat li huwa kellhu sikkina mwehhla ma dahru.

11. **It-Tabib Dr Mario Scerri,** ippreżenta ir-rapport tiegħu u xehed li permezz ta' digiret ta' din il-Qorti datat 13 ta' Jannar 2017 huwa kien ġie nkarigat sabiex jeżamina lil Giovanni Farrugia. Xehed illi huwa kien eżamina lil Giovanni Farrugia fis-7 ta' Frar 2017 u ddikjara li ċ-ċikkatriċi għadha tidher u tibqa bħala marka permanenti fuq ix-xoffa tal-ħalq u viżibbli from within talking distance. Fil-kontroeżami tiegħu t-Tabib Mario Scerri ddikjara li huwa kien eżamina lil Giovanni Farrugia fuq xi każ ieħor u kkonferma li kien Giovanni Farrugia li ndikalu liema ċikkatriċi għandu jeżamina.

12. **PC 1068 Paul Abdilla** xehed li fit-13 ta' Lulju 2013 huwa kien stazzjonat ġewwa l-Għassa tal-Belt Valletta u għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu kienu ġew infurmati mill-Isptar Matr Dei li fi Triq l-Assedju l-Kbir ftit l'isfel mill-ħanut Monaliza kien hemm persuna li kellu sikkina ġewwa dahru. PC 1244, PS 1330 u x-xhud marru fuq il-post u hemmhekk sabu persuna li kienet bilqiegħda fuq ċint u magħha kien hemm erbgħa persuni mdawwrin li kienu jassistuha. Mill-ewwel stħarriġ irriżulta li l-persuna li kellha s-sikkina f'darha kien Adam Cini. Huwa preċiża li dak il-ħin f'dahar Adam Cini ra biss manku madanakollu wara li saru l-investigazzjonijiet irriżulta li dik kienet sikkina. L-erbgħa persuni li kien hemm mdawrin ma Adam Cini stqarrew mal-pulizija li x'ħin kienu ħerġin mill-ħanut Monaliza u kienu mexjin lejn il-karozza tagħhom li kienet ipparkjata ħdejn l-Excelsior, taħt it-triq kien hemm xi kmamar u ħdejhom kien hemm żewġ persuni li bdew joffenduhom u jinsulentawhom. Huma stqarrew li offendewhom lura waqt li komplew mixjin. Dak il-ħin stess telgħu raġel u ġuvnott. Ir-raġel kien qed iġorr sikkina b'manku u l-ġuvnott kellu serrieq f'idejh ukoll. Ir-raġel li kellu s-sikkina pprova jħebb għalihom. Adam Cini ddefenda ruħu u dak il-ħin ir-raġel daħħallu s-sikkina ġo dahru. Ix-xhud iddikjara li huwa kellem lil Giovanni Farrugia għax mar miegħu l-Isptar Mater Dei. Giovanni Farrugia ried imur l-isptar għax qal li qala' xebgħa. Fuq mistoqsija tal-prosekuzzjoni x-xhud tenna li f'wiċċ Giovanni Farrugia ma jiftakarx li kien hemm xi dmija. Jiftakar li Giovanni Farrugia kellu xi likwidu aħmar pero dan il-

likwidu ma kienx f'wiċċu iżda mal-flokk. PC 1068 Paul Abdilla ddikjara li miegħu Giovanni Farrugia fl-ebda mument ma lmenta li kellu xi wġiegħ f'wiċċu. Ikkonferma li huma waslu l-emerġenza għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu u huwa baqa' ma Giovanni Farrugia sal-ħamsa ta' filgħodu u sa dak il-ħin it-tobba kienu għadhom ma rawhx. Mistoqsi fil-kontroeżami jekk huwa kienx ha xi notamenti fuq dan il-każ, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv. Mistoqsi kieku ralu xi farrett f'wiċċu kienx inizzilha fin-notament, ix-xhud għal darb oħra reġa wieġeb fl-affermativ. Ix-xhud stqarr li huwa ma jafx jekk id-demm li Giovanni Farrugia kellu fuq il-flokk kienx tiegħu jew inkella kienx ta' Adam Cini.

13. **Ps 1330 Alexander Farrugia** fix-xhieda tiegħu kkonferma li r-rapport li jinsab eżebit a fol 5 tal-proċess sar minnu ħlief għal xi aġġornamenti li hemm fl-aħħar tar-rapport. Fix-xhieda tiegħu Alexander Farrugia stqarr kif meta mar fuq il-post huwa sab lill-imputat Adam Cini b'manku ta' sikkina mdaħħla ġo daru. Adam Cini kien bilqiegħda fuq ċint ftit l'isfel mill-Monaliza Bar qabel l-Isqaq ta' Triq il-Lanċa, iżda ma jindikax il-lokalita'. Jikkonferma li John Farrugia kellu dmija ma wiċċu fuq il-ħaddejn fil-ġenb fuq in-naħa tax-xellug. Jispjega kif John Farrugia ma kellux ħafna demm u fuq xufftejh ma kellux demm u ma kellu l-ebda tiċrit fuq ix-xoffa.

14. **L-Ispettur Kylie Borg** xehdet kif hija kienet ġiet infurmata minn PC 1330 illi bejn il-lejl tat-12 u t-13 ta' Lulju 2013 fi Triq l-Assedju l-Kbir, eżattament ħdejn il-ħanut Monalisa kien hemm żgħażugħ illi kien qala daqqa ta' sikkina. Ġiet infurmata li s-sikkina kienet għadha ġo dahar Adam Cini imdaħħla kollha bil-manku biss jidher. Hija kienet marret fuq il-post u nfurmat lil Maġistrat Antonio Micallef Trigona li fetaħ inkjesta. Fuq il-post kien hemm ukoll l-Ispettur Saviour Baldacchino u l-Ispettur Joseph Mercieca, s-Surġent 1330 u xi pulizija stazzjonati l-RIU. L-Ispettur Joseph Mercieca kien arresta żewġ persuni li kienu indikati miż-żgħażagħ Samuel Spiteri, Anthony Pirotta, Manolo Dingli u Cassandra Galea. Kien ġie deċiż li liż-żgħażagħ ma jħalluhomx flimkien sabiex ma jkunux jistgħu jitkellmu bejniethom. Fil-frattemp wieħed mill-persuni arrestati u cjoe ċertu Giovanni Farrugia beda jilmenta minn xi uġiegħ u għalhekk ittieħed il-Mater Dei. Il-persuna l-oħra arrestata ċertu Massimo Caruana ġie skortat lejn il-lock up tal-pulizija.  Ix-xhud flimkien mal-Ispettur Saviour Baldacchino u l-Ispettur Joesph Mercieca kienu ħadu l-istqarrijiet tal-erba' żgħażagħ li

kienu ma Adam Cini. Iż-żgħażagħ minkejja li kienu ġew separati minn ma xulxin biex ma jitkelmux bejniethom, l-erbgħa li huma stqarrew l-istess verżjoni. Iż-żgħażagħ spjegaw kif huma kienu ma Adam Cini, l-persuna li kellu s-sikkina minfuda f'dahru. Spjegaw kif huma kienu marru l-Wine Festival imbagħad għal xi 'l-ħdax ta' filgħaxija marru l-ħanut Monalisa. Wara li ħarġu mill-ħanut għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu huma spjegaw kif qasmu għal fuq il-bankina tan-naħa l-oħra tal-baħar u kien hemm battibekk bejn Adam Cini u Giovanni Farrugia li dak il-ħin kien taħt il-livell tat-triq. L-argument kien beda fuq mutur li kien ipparkjat taħt il-livell tat-triq għal fuq il-livell tat-triq. Kien sar xi tibdil ta' kliem ħażin fejn imbagħad kienu raw li Giovanni Farrugia kien tela' mir-rampa li hemm minn taħt il-livell tat-triq. Giovanni Farrugia kellu sikkina f'idejh u Massimo Massimo Caruana kellu serrieq. Ilkoll kemm huma indikaw illi Giovanni Farrugia kien il-persuna li kellu xi jgħid ma Adam Cini. Kien hemm skambju ta' diskors u Farrugia beda jgħid lil Cini sabiex jiskuża ruħu talli offendih b'missieru. Fid-daqqa u l-ħin kien hemm argument fiżiku fejn jidher illi Adam Cini pprova jimbutta lil Giovanni Farrugia minn fuqu, kien anke tah xi daqqiet ta' ponn f'wiċċu u mbagħad sussegwentament huma stqarrew illi Farrugia daħħal is-sikkina f'dahar Adam Cini. Massimo Caruana ma mess lil ħadd bis-serrieq. Giovanni Farrugia ġie ċċertikikat li kellu qasma f'xufftejh.

15. **Giovanni Farrugia,** beda x-xhieda tiegħu billi stqarr li huwa ma jridx jieħu passi kontra Adam Cini, qiegħed jirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli u li qiegħed jaħfer lil Adam Cini.

Xehed kif l-inċident ġara ħdejn id-dar tiegħu li tinsab fi Triq il-Lanċa l-Belt Valletta. Spjega kif id-dar tiegħu qegħda l-isfel mit-triq, tant li mit-triq trid tidħol f'daħla u tinżel niżla. Spjega kif dakinhar tal-inċident għal ħabta ta' bejn is-siegħa u s-sagħtejn u nofs ta' filgħodu kien qiegħed barra ħdejn il-bieb tiegħu jieħu cafe'. Iż-żgħażagħ lilu ma setgħux jarawh għax hemm tinda. Mit-triq ta' fuqu sema' xi storbju u ħareġ jittawwl. Ra ħames żgħażagħ u xebba li kienu sejrin direzzjoni Excelsior, kienu qegħdin iħarsu l'isfel u qalilhom: 'Hawn Orrajt?' u reġa daħal taħt it-tinda. Xi ħadd mill-ġuvintur li ma jafx min hu qal: 'Hawn ħareġ il-babaw, mingħalih li ha jbeżżana.' Massimo li kien ma Giovanni qallu sabiex iħallihom. Iż-żgħażagħ baqgħu fuq il-bankina jitkellmu bejniethom. Għalhekk huwa reġa' ħareġ jittawwal u qalilhom jekk hux kollox ok? Wieħed miż-żgħażagħ offendih u hu offendih lura. Baqgħu joffendu lil xulxin u ż-

żgħażugħ minkejja li baqa' miexi kompla joffendieh. F'daqqa waħda l-affari bdiet tisħon u x-xhud talab lil Massimo sabiex iċempel lil pulizija. Imbagħad ix-xhud Giovanni Farrugia tela r-rampa u f'daqqa waħda xi ħadd miż-żgħażagħ li ma jafx min hu għax kien id-dlam, mar b'ġirja fuqu u tah rest. Il-ġlieda kompliet fit-triq. Ir-rest qalaha ġo wiċċu u dak il-ħin ma ħass xejn. Ix-xhud jistqarr li huwa ma jafx min tah ir-rest iżda l-aktar li ġġieldu huma hu u l-imputat. Ix-xhud jistqarr li lilu iż-żgħażagħ tefawh mal-art u xi tlieta minnhom bdew jixxuttjawh. Id-daqqa ta' sikkina lill-imputat Adam Cini fajjarilu fit-triq.

16. **L-Istqarrija rilaxxata ġewwa l-Isptar Mater Dei ta' Adam Cini datata 13 ta' Lulju 2013,** fejn fiha stqarr li matul il-lejl ta' qabel huwa kien qala' daqqa ta' sikkina. Jispjega kif hu flimkien ma sħabu kienu ġewwa l-Monaliza Bar, il-Belt Valletta fejn huwa kien xorob iced tea peach. Hekk kif ħarġu minn ġewwa l-bar u ġibdu direzzjoni lejn l-Excelsior Hotel fejn kellhom il-karozzi pparkjati qasmu t-triq għal mal-promenade. Dak il-ħin huwa beda jħares 'l isfel fejn kien hemm qishom garaxxijiet u hemmhekk huwa ra mutur ta' kulur isfar. Mal-ġenb ta' dan il-mutur kien hemm raġel li x'ħin rah iħares qallu biex ikompli miexi għax ma kien hemm xejn x'jara. Adam Cini wieġbu lura u qallu li ma kellux dritt jikmandah x'jagħmel ladarba ma kien qed jagħmel xejn ħażin. Dak il-ħin ir-raġel beda jgħajru bis-sesswalita u beda jistiednu għal ġlied u qallu sabiex jinżel isfel u reġa' offendih bi kliem sesswali. Adam Cini irrispondih u offendiħ ukoll bi kliem sesswali fil-konfront ta' missieru. Adam Cini u sħabu baqgħu mexjin lejn il-karozza, iżda ftit sekondi wara Adam Cini sema' lil dan ir-raġel jgħajjat minn warajh u malli hares lura isib lil dan ir-raġel litteralment ġej għalih. Ir-raġel kellu sikkina li kien qiegħed iżommha mal-ġenb. Ġew wiċċ imb'wiċċ u r-raġel qallu biex jiskuża ruħu iżda Adam Cini ma skużax ruħu. Il-mument li Adam Cini ma skużax ruħu, ir-raġel beda juri li kien se juża s-sikkina. Dan ir-raġel ma kienx waħdu u miegħu kellu raġel ieħor. Sħab Adam kienu maġenb l-istess Adam Cini. Is-sitwazzjoni eskalat malajr u fi ftit ħin u Adam spiċċa jissara ma dan ir-raġel bis-sikkina f'idejh. L-imputat Adam Cini beda jipprova jġib lil dan ir-raġel fi stat li ma jkunx jista' juża s-sikkina fuqu. Adam Cini kien ċert li dan ir-raġel kien se juża s-sikkina fuqu u dan għaliex ir-raġel kien aggressiv ħafna. Kien għalhekk li Adam Cini pprova li b'idu l-leminija jaħtaf l-id ix-xellugija ta' dan ir-raġel għax is-sikkina kienet propju ġo dik l-id. Jgħid **li wara li spiċċa anke b'subajgħ maqtugħ**, Adam Cini ta' xi daqqiet ta' ponn f'wiċċ dan ir-raġel sabiex jipprova jwaqqgħu mal-art. Adam Cini beda jitlob lil dan ir-raġel sabiex jitlaq is-sikkina

minn idejh, iżda dan ir-raġel baqa jżomm is-sikkina b'kemm tagħtih saħħtu kollha. Minħabba li Adam Cini beda jitlef id-demm, sieħbu Manolo beda jżomm idejn dan ir-raġel li fiha kellu s-sikkina. Fil-frattemp, ir-raġel li kien mar-raġel li kellu s-sikkina telaq jiġri u f'daqqa waħda reġa mar ħdejhom din id-darba armat b'serrieq. Ir-raġel li kellu is-serrieq f'idejh kien xi żewġ metri bogħod minn Adam Cini u beda jgħidlu sabiex jitlaq lir-raġel tas-sikkina filwaqt li beda jxejjer is-serrieq fid-direzzjoni tiegħu. Adam Cini kien jaf li minħabba li r-raġel li kellu s-sikkina kien għadu bis-sikkina f'idejh ma setax jitilqu, iżda bejn għax beda jitlef id-demm u anke għax kien mhedded mir-raġel l-ieħor, Adam Cini ma kellux alternattiva oħra ħlief li ma jibqax iżomm lir-raġel li kellu s-sikkina f'idejh. Għalhekk Adam Cini ma baqax iżomm lir-raġel li kellu s-sikkina minn idejh, u beda miexi flimkien ma sħabu fid-direzzjoni opposta. Għal mument ħaseb li kien ikkalma kollox, madanakollu ftit wara waqt li Adam Cini kien miexi fid-direzzjoni opposta, Adam Cini spiċċa qala' daqqa ta' sikkina f'dahru.

17. **Vera kopja tal-Process verbal numru: 616/13.**

In sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, id-Difiża filwaqt li għamlet diversi kontro-eżamijiet lix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni għażlet li ma tressaq l-ebda xhud. L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri **u dana hekk kif huwa kellu kull dritt li jagħmel.**

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

1. **L-Imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-imputat Adam Cini:** *'Talli nhar it-13 ta' Lulju 2013, għall-ħabta tas-02.00 ta' filgħodu ġewwa l-Belt Valletta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Giovanni Farrugia, f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi lill-istess Giovanni Farrugia'.*

Illi mill-provi produċibbli din il-Qorti jirriżultala li nhar it-13 ta' Lulju tas-sena 2013, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu, il-Pulizija tal-Għassa tal-Belt Valletta rċeviet rapport li ġewwa Triq l-Assedju l-Kbir fil-Belt Valletta, kien hemm persuna feruta minħabba li kienet qalgħet daqqa' ta' arma bil-ponta. Il-Pulizija minnufih niżlu fuq il-post fejn sabu lil ċertu Adam Cini fuq ċint, ferut u muġugħ minħabba li kellu sikkina mdaħħa kollha ġo daharu u madwaru kien hemm erba' żgħażagħ oħra bl-isem ta' Anthony Pirotta, Manolo Dingli, Samuel Spiteri u

Cassandra Galea. Il-Pulizija setgħu jinnutaw ukoll li mal-art kien hemm xi dmija. Dawn il-persuni stqarrew mal-Pulizija li Adam Cini kien safa' aggredit b'sikkina minn persuna maskili li kienet telgħet minn triq li tinsab taħt il-livell ta' Triq l-Assedju l-Kbir u qalu wkoll li l-argument għall-ewwel kien jikkonsisti biss fi skambju verbali ta' kliem ħażin u offensiv. Qalu li dan ir-raġel tela' għalihom minn isfel u lil Adam Cini l-ewwel talbu sabiex jiskuża ruħu minħabba xi kliem offensiv li dan kien qal fuq missieru u l-imputat Adam Cini ma skużax ruħu. Minn hemmhekk bdiet kollutazzjoni bejn Cini u Farrugia u dan tal-aħħar ta daqqa' ta' sikkina lil Cini hekk kif dan tal-aħħar dar b'daharu lejn Farrugia. Adam Cini stqarr li Giovanni Farrugia kien tela' għalih armat b'sikkina. Il-Pulizija minnufih bdew bl-istħarriġ tagħhom. Infetħet ukoll Inkjesta Maġisterjali u nħatru diversi esperti sabiex jassistu lill-Maġistrat Inkwirenti fl-indaġni li kellha ssir b'rabta mal-każ. Il-Pulizija tat-Taqsima Forensika ssiġillaw ix-xena tad-delitt.

Mill-istħarriġ tagħhom il-Pulizija identifikaw lill-persuna li kienet aggrediet lil Adam Cini bħala Giovanni Farrugia li kien jgħix f'abitazzjoni taħt il-livell tat-triq fi Triq il-Lanċa, l-Belt Valletta. Dan min-naħa tiegħu stqarr li kien ferut u li l-argument beda meta ż-żgħażagħ bdew joffenduh u eventwalment qala' diversi daqqiet iżda stqarr li huwa ma jafx min miż-żghażagħ beda jagħtih. Jirriżulta wkoll li waqt din il-kollutazzjoni ntervjena ċertu Massimo Caruana, li kien qiegħed jgħix temporanjament ma' Farrugia, u b'serrieq ipprova jbeżża' lil dawn iż-żgħażagħ sabiex ma jkomplux jagħtu daqqiet lill-akkużat. Dan Caruana iżda qatt ma daħal fiżikament fil-kollutazzjoni li kienet qiegħda sseħħ bejn Farrugia u Cini. Kemm Adam Cini kif ukoll Giovanni Farrugia ttieħdu l-isptar minħabba l-ġrieħi li sofrew. Adam Cini ttieħed l-isptar Mater Dei b'ambulanza fejn ġie immedjatament operat. Giovanni Farrugia ukoll kien medikat minħabba li sofra tiċrit f'xufftejh u għamlulu xi suturi.

Din il-Qorti ma għandhiex dubbju dwar il-veraċita tal-verżjoni mogħtija mill-akkużat Adam Cini fl-istqarrija tiegħu rilaxxata ġewwa l-Isptar Mater Dei fit-13 ta' Lulju 2013. Fl-istqarrija tiegħu Adam Cini stqarr li matul il-lejl ta' qabel huwa kien qala' daqqa ta' sikkina. Jispjega kif hu flimkien ma sħabu kienu ġewwa l-Monaliza Bar, il-Belt Valletta fejn huwa kien xorob iced tea peach. Hekk kif ħarġu minn ġewwa l-bar u ġibdu direzzjoni lejn l-Excelsior Hotel fejn kellhom il-karozzi pparkjati qasmu t-triq għal mal-promenade. Dak il-ħin huwa beda jħares 'l isfel fejn kien hemm qishom garaxxijiet u hemmhekk huwa ra mutur ta' kulur isfar. Mal-ġenb ta' dan il-mutur kien hemm raġel li x'ħin rah iħares qallu biex ikompli miexi għax ma kien hemm xejn x'jara. Adam Cini wieġbu lura u qallu li ma kellux dritt jikmandah x'jagħmel ladarba ma kien qed jagħmel xejn ħażin. Dak il-ħin ir-raġel beda jgħajru u jistiednu għal ġlied

u qallu sabiex jinżel isfel u kompla joffendih b'mod sesswali. Adam Cini irrispondih lura b'offiża fuq missier Farrugia. Adam Cini u sħabu baqgħu mexjin lejn il-karozza, iżda Adam Cini sema' lil dan ir-raġel jgħajjat minn warajh u malli ħares lura sab lil dan ir-raġel litteralment ġej għalih. Ir-raġel kellu sikkina li kien qiegħed iżommha mal-ġenb. Ġew wiċċ imb wiċċ u r-raġel qallu biex jiskuża ruħu iżda Adam Cini ma skużax ruħu. Il-mument li Adam Cini ma skużax ruħu, ir-raġel beda juri li kien se juża s-sikkina. Dan ir-raġel ma kienx waħdu u miegħu kellu raġel ieħor. Sħab Adam kienu maġenb l-istess Adam Cini. Is-sitwazzjoni eskalat malajr u fi ftit ħin. F'daqqa waħda Adam sab ruħu jissara ma dan ir-raġel bis-sikkina f'idejh u beda jipprova jġib lil dan ir-raġel fi stat li ma jkunx jista' juża s-sikkina fuqu. Adam Cini kien ċert li dan ir-raġel kien se juża s-sikkina fuqu u dan għaliex ir-raġel kien aggressiv ħafna. Kien għalhekk li Adam Cini pprova li b'idu l-leminija jaħtaf l-id ix-xellugija ta' dan ir-raġel għax is-sikkina kienet propju ġo dik l-id. Jgħid li wara li spiċċa anke b'subajgħ maqtugħ, Adam Cini ta' xi daqqiet ta' ponn f'wiċċ dan ir-raġel sabiex jipprova jwaqqgħu mal-art. Adam Cini beda jitlob lil dan ir-raġel sabiex jitlaq is-sikkina minn idejh, iżda dan ir-raġel baqa' jżomm is-sikkina b'kemm tagħtih saħħtu. Minħabba li Adam Cini beda jitlef id-demm, sieħbu Manolo beda jżomm idejn dan ir-raġel li fiha kellu s-sikkina. Fil-frattemp, ir-raġel li kien mar-raġel li kellu s-sikkina telaq jiġri u f'daqqa waħda reġa mar ħdejhom din id-darba armat b'serrieq. Ir-raġel li kellu is-serrieq f'idejh kien xi żewġ metri bogħod minn Adam Cini u beda jgħidlu sabiex jitlaq lir-raġel tas-sikkina filwaqt li beda jxejjer is-serrieq fid-direzzjoni tiegħu. Adam Cini kien jaf li minħabba li r-raġel li kellu s-sikkina kien għadu bis-sikkina f'idejh ma setax jitilqu, iżda bejn għax beda jitlef id-demm u anke għax kien mhedded mir-raġel l-ieħor, Adam Cini ma kellux alternattiva oħra ħlief li ma jibqax iżomm lir-raġel li kellu s-sikkina f'idejh. Għalhekk Adam Cini ma baqax iżomm lir-raġel li kellu s-sikkina minn idejh, u beda miexi flimkien ma sħabu fid-direzzjoni opposta. Għal mument ħaseb li kien ikkalma kollox, madanakollu ftit wara waqt li Adam Cini kien miexi fid-direzzjoni opposta, Adam Cini spiċċa qala' daqqa ta' sikkina f'dahru.

Din il-verżjoni ta' Adam Cini hija kkorraborata mill-istqarrijiet li rrilaxxaw sħabu lil pulizija. L-Ispettur Kylie Borg dakinhar tal-inċident flimkien mal-pulizija l-oħra kienu ddeċiedew li ma jħallux liż-żgħażagħ flimkien sabiex ma jkunux jistgħu jitkellmu bejniethom qabel ma jirrilaxxaw l-istqarrija tagħhom lil pulizija. L-istqarrija ta' Adam Cini hija kkorraborrata anke mix-xhieda li taw sħabu fuq il-pedana tax-xhieda, liema xhieda baqgħet konsistenti mal-verżjoni li kienet ġiet mogħtija minnhom stess lill-pulizija dakinhar li seħħ l-inċident u dan minkejja li x-xhieda tagħhom quddiem il-Qorti nstemghet snin wara li ġara l-inċident.

Fl-istqarrija tiegħu Adam Cini jsostni li huwa pprova li **b'idu l-leminija** jaħtaf l-id ix-xellugija ta' Farrugia għax is-sikkina kienet propju ġo dik l-id. Jgħid li kien wara li spiċċa anke **b'subajgħ maqtugħ**, li huwa ta' xi daqqiet ta' ponn f'wiċċ dan ir-raġel sabiex jipprova jwaqqgħu mal-art. Fir-Relazzjoni tiegħu li tifforma parti mill-Process Verbal numru 616/2013, t-Tabib Dr Mario Scerri jiddikjara li **l-leżjoni deskritta fuq l-ewwel subgħa tal-id il-leminija kienet kompatibbli ma inċiżjoni u indikazzjoni ta' defensive injuries.** Għalhekk huwa verament minnu dak li jistqarr Adam Cini fl-istqarrija tiegħu u cioé li huwa pprova b'idu l-leminija jaħtaf l-id ix-xellugija ta' Farrugia għax is-sikkina kienet propju ġo dik l-id u anke spiċċa anke b'subajgħ maqtugħ waqt li kien qiegħed jissara mal-istess Farrugia.

Stante il-fatt li Adam Cini fl-istqarrija tiegħu sostna li kien ċert li Farrugia kien se juża s-sikkina fuqu u dan għaliex Farrugia kien aggressiv ħafna u mix-xhieda taż-żgħażagħ wkoll jirriżulta li Farrugia verament kien aggressiv, il-Qorti se tara jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' leġittima difesa kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Kodiċi Kriminali, jgħid:

> *'Ma hemmx reat meta omiċidju jew offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permess mill-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtiega mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wiehed innifsu jew ta' ħaddiehor.'*

Id-dritt tal-leġittima difeża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta' forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa, cioé it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. Voldieri li dak li għamel l-imputat, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioé fl-istat mentali li kien, ma setax jevita l-periklu li setgħa rriżulta bl-aġir tal-agressur salv b'dak li għamel l-imputat. Għalhekk, kif jgħid il-Professur Mamo, il-periklu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux periklu premeditat. Il-Professur Mamo jgħid:

*'The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.'*

Għaldaqstant wieħed irid ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien rinfaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit.

Fis-sentenza fl-**ismijiet Il-Pulizija vs Mark Farugia** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali deċiża fis-27 ta' Ġunju 2002 spjegat fid-dettal l-oriġini tal-prinċipju maħsub f'dan l-artikolu u rriteniet hekk:

*"Illi kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għall-leġittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil- leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifesta dak l-perikolu jew theddid jew dannu imminenti ... Wiehed irid jpoġġi lilu nniffsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif wkoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit..."*

Il-prinċipju tal-leġittima difiża gie ampjament spjegat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tony Curmi et** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017, fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali irrimarkat:

*"Illi kif inhuwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-leġittima difesa tirriżulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggredita l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-leġittima difesa trid tkun inħolqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaċċja tal-istess, bl-aġir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkreata unikament mhux minn min jadotta dik it-tip ta' difiża,*

*iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu attwali...'.*

*'Jiġi rilevat li d-dritt għal-leġittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kondizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milquha. Ċioe t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara rreparabbli lid-difensur, jiġifieri ħsara jew offiża lil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li hu għamel, għamlu, stante li fl-istat psikoloġiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setgħux jiġu evitati b'mod ieħor. Jiġifieri l-perikolu għandu jkun attwali, istantaneu u assolut u ma jridx ikun xi perikolu antiċipat. Il-perikolu għandu jkun attwali, ta' dak il-ħin, u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret ħinijiet qabel għax dan jista' jagħti lok għal provokazzjoni u mhux difesa leġittima. Il-perikolu jrid ikun assolut, ċioe li f'dak il-mument li kien qed iseħħ ma setax jiġi evitat b'xi mod ieħor. Iżda hawnhekk għandu jiġi applikat it-test oġġettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem speċifikaw, u mhux biżżejjed li wieħed jgħid x'seta' għamel jew x'messu għamel jew x'messu għamel id-difensur (imputat) qabel ma ħa l-azzjoni in difesa bl-użu tal-forza.'*

*'Wieħed għalhekk irid ipoġġi lilu nnifsu fiċ-ċirkostanzi kif ħassu dak il-ħin u mument ċioe imbeżża' u l-ħsieb tiegħu li ser jiġi aggredit; [...] [...][F]id-difesa leġittima, huwa m'għandux jadotta metodi li huma in eċċess jew minaċċja ta' perikolu. Iżda anke hawn [...] għandu wkoll jiġi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaċċja ta' perikolu, ċioe l-imputat. Rinfaċċjat b'perikolu serju u imminenti kif ħaseb hu f'dak il-mument, wieħed ma jistax jippretendi li kellu jżomm il-kalma u fil-fatt il-liġi stess f'ċirkostanzi bħal dawn taċċetta miskalkolazzjonijiet u errors of judgement."*

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 t' Awwissu, 1998, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Augusto Auguliaro** gie ritenut illi:

*"Mhux kull min "jaġixxi biex jiddefendi ruħu" necessarjament jista' jinvoka dana l-artikolu. Il-liġi titkellem ċar dwar il-bżonn attwali ta' difiża leġittima" ta' dak li*

*jkun jew ta' ħaddiehor. Kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna hu ormai stabbilit li biex wieħed jista' jinvoka dina l-iskriminanti l-aggressjoni subita trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli."*

Illi din il-Qorti kkunsidrat li mill-provi produċibbli jirriżulta s-segwenti:

Illi fil-lejl ta' bejn it-12 ta' Lulju 2013 u t-13 ta' Lulju 2013 Adam Cini flimkien ma sħabu kienu ġewwa l-Monaliza Bar, il-Belt Valletta. Hekk kif ħarġu minn ġewwa l-bar u ġibdu id-direzzjoni lejn l-Excelsior Hotel fejn kellhom il-karozzi pparkjati Adam Cini u sħabu qasmu t-triq għal mal-promenade. Dak il-ħin Adam Cini beda jħares 'l isfel fejn kien hemm qishom garaxxijiet u hemmhekk huwa ra mutur ta' kulur isfar. Mal-ġenb ta' dan il-mutur kien hemm Giovanni Farrugia li x'ħin ra lil Adam Cini iħares qallu biex ikompli miexi għax ma kien hemm xejn x'jara. Adam Cini wieġeb lura lil Giovanni Farrugia u qallu li ma kellux dritt jikmandah x'jagħmel ladarba ma kien qed jagħmel xejn ħażin. Dak il-ħin Giovanni Farrugia beda jgħajjar lil Adam Cini u beda jistiednu għal ġlied u stednu sabiex jinżel isfel u kompla joffendih. Adam Cini irrisponda lura lil Giovanni Farrugia offendiħ b'missieru. Adam Cini u sħabu baqgħu mixjin lejn il-karozza. Ftit sekondi wara Adam Cini sema' lil Giovanni Farrugia jgħajjat minn warajh u malli ħares lura jsib lil Giovanni Farrugia litteralment ġej għalih. Giovanni Farrugia kellu sikkina li kien qiegħed iżommha mal-ġenb. Adam Cini u Giovanni Farrugia ġew wiċċ imb'wiċċ u Giovanni Farrugia qallu biex jiskuża ruħu. Adam Cini ma skużax ruħu u immedjatament wara Giovanni Farrugia beda juri li kien se juża s-sikkina fil-konfront ta' Adam Cini. Giovanni Farrugia ma kienx waħdu u miegħu kien hemm ċertu Massimo Caruana. Sħab Adam Cini kienu maġenb l-istess Adam Cini. S-sitwazzjoni eskalat malajr u fi ftit ħin u Adam Cini spiċċa jissara ma Giovanni Farrugia u beda jipprova ma jħallix lill-istess Giovanni Farrugia juża s-sikkina fuqu. Giovanni Farrugia kien aggressiv ħafna. Adam Cini pprova li b'idu l-leminija jaħtaf l-id ix-xellugija ta' Giovanni Farrugia għax is-sikkina kienet propju ġo dik l-id. Kien wara li spiċċa anke b'subajgħ maqtugħ, li Adam Cini ta' xi daqqiet ta' ponn f'wiċċ Giovanni Farrugia sabiex jipprova jwaqqgħu mal-art. Adam Cini beda jitlob lil Giovanni Farrugia sabiex jitlaq is-sikkina minn idejh, iżda Giovanni Farrugia baqa jżomm is-sikkina b'kemm tagħtih saħħtu kollha. Minħabba li Adam Cini beda jitlef id-demm, sieħbu Manolo beda jżomm idejn Giovanni Farrugia li fiha kellu s-sikkina. Fil-frattemp, Massimo Caruana li kien ma' Giovanni Farrugia telaq jiġri u f'daqqa waħda reġa mar ħdejhom din id-darba armat b'serrieq. Massimo Caruana li kien xi żewġ metri bogħod minn Adam Cini beda jgħid lil Adam Cini sabiex ma jibqax iżomm li Giovanni Farrugia u jħallih jitlaq filwaqt li beda jxejjer is-serrieq fid-direzzjoni tiegħu. Rinfaċċjat b'din is-

sitwazzjoni Adam Cini ma baqax jissara ma Giovanni Farrugia. Immedjatament wara Adam Cini beda miexi flimkien ma sħabu fid-direzzjoni opposta. Ftit wara waqt li Adam Cini kien miexi fid-direzzjoni opposta, l-istess Adam Cini spiċċa qala' daqqa ta' sikkina f'dahru mingħand Giovanni Farrugia. Liema daqqa ta' sikkina ħalliet lil Adam Cini fil-periklu tal-mewt.

Il-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' leġittima difesa għandha tistabbilixxi jekk:

1. Is-sitwazzjoni ta' periklu inħolqotx bl-aġir Giovanni Farrugia u mhux da parti tal-imputat Adam Cini.
2. Dak li għamel Adam Cini, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioé fl-istat mentali li kien ma setgħax jevita l-periklu li setgħa rriżulta bl-aġir ta' Giovanni Farrugia.
3. T-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu fil-konfront ta' Adam Cini kien inġust, gravi, u inevitabbli.
4. L-periklu li sab ruħu fih Adam Cini kien attwali, istantanju u assolut.
5. Meta wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li kien fiha l-imputat Adam Cini kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat Adam Cini aġixxa għar-reazzjoni li kien rinfaċċjat biha, u cioé l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit, wieħed kienx jaħseb li l-periklu huwa attwali.

Din il-Qorti hija moralment konvinta li ladarba Adam Cini kien għaddej għal affari tiegħu fit-triq ma sħabu u ma kien qiegħed idejjaq lil ħadd. Kien Giovanni Farrugia li beda dan l-argument, kien Giovanni Farrugia li tela' għal Adam Cini armat b'sikkina f'idu u li wara li l-imputat Adam Cini ma baqax jirreżisti lil Giovanni Farrugia, l-istess Giovanni Farrugia ta' daqqa ta' sikkina lil Adam Cini f'dahru li ħalliet lill-istess imputat Cini fil-periklu tal-mewt allura f'dan il-każ għandha tapplika d-difiża leġittima u l-istess Adam Cini ma għandux jinstab ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.

Dan qiegħed jingħad għaliex mill-provi produċibbli huwa evidentament ċar li s-sitwazzjoni ta' periklu inħolqot bl-aġir ta' Giovanni Farrugia u mhux da parti tal-imputat Adam Cini. Dak li għamel Adam Cini, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioé fl-istat mentali li kien ma setgħax jevita l-periklu li nħoloq bl-aġir ta' Giovanni Farrugia. It-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu fil-konfront ta' Adam Cini kien inġust, gravi, u inevitabbli. Il-periklu li sab ruħu

fih Adam Cini kien attwali, istantanju u assolut u meta wieħed ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li kien fiha l-imputat Adam Cini kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat Adam Cini aġixxa għar-reazzjoni li kien rinfaċċjat biha, u cioé l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit, wieħed ċertament kien jaħseb li l-periklu li jinsab fih huwa attwali.

**C. <u>Konkluzjoni</u>**

Għal dawn il-motivi il-Qorti ma ssibx lill-imputat Adam Cini, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 548488(M) ħati tal-akkuża kif dedotta kontrih u qegħda tilliberah minnha stante li l-imputat Adam Cini kien ġustifikat u aġixxa b'dak il-mod għall-legittima difesa tiegħu nniffsu.

Peress li l-Qorti ma ssibx ħtija fl-imputat, il-Qorti ma hijiex sejra toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali.

**Dr Kevan Azzopardi**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM-------------------------**